



Brussell, 24 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15702/23

LIMITE

RECH 521

#### NOTA PUNT "I/A"

---

|          |   |
|----------|---|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill   |
| Suġġett: | Intenzjoni tal-Kummissjoni li tissottoskrivi għal dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-Riċerka u l-Innovazzjoni f'isem l-UE<br>- Awtorizzazzjoni biex jiġi nneozjat strument mhux vinkolanti |

---

1. Fis-16 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill nota ta' informazzjoni intitolata "L-intenzjoni tal-Kummissjoni li tissottoskrivi għal dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-Riċerka u l-Innovazzjoni f'isem l-UE<sup>1</sup>.
2. Il-Kummissjoni ser tinnegozja d-dikjarazzjoni Ministerjali bil-ħsieb li tiġi ffirmata fil-konferenza organizzata fis-16 ta' Frar 2024 fi Brussell, taħt il-Prezidenza Belġjana. Dan ser ikun segwitu għad-dikjarazzjoni ta' Marsilja tal-2022 u ser jiffoka fuq il-valuri u l-prinċipji fir-riċerka u l-innovazzjoni.

---

<sup>1</sup> 15520/23.

3. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Novembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka rċieva aktar informazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istrument mhux vinkolanti previst.
4. Huwa mifhum li meta jintemmu n-negozjati, il-Kummissjoni ser titlob lill-Kunsill għall-awtorizzazzjoni tiegħu għall-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-istrument mhux vinkolanti msemmi hawn fuq.
5. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati dwar strument mhux vinkolanti li għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali.